**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 791/2017**

**Maria Barbara bhala mandatarju specjali**
**tal-assenti Carole Moyse**

**vs**

**Teresa Censina Hazel Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-31 ta' Awwissu, 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-kontendenti huma ahwa, l-unici ulied tad-defunt Philip Borg li miet fl-1 ta' Jannar 2017 kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (Dok. A).

2. Illi permezz ta' testment pubbliku unica charta tas-7 ta' Frar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani (Dok. B), l-imsemmi Philip Borg innomina lil martu Barbara Borg bhala l-unika eredi universali tieghu, izda f'kaz ta' premorjenza, innomina minflok bhala l-unika eredi universali tieghu lil bintu l-intimata Teresa Borg, illum Saliba.

3. Illi l-imsemmija Barbara Borg giet nieqsa qabel Philip Borg kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt taghha (Dok. C), u ghalhekk hija biss l-intimata Teresa Borg li wirtet lill-missierha skont it-testment imsemmi.

4. Illi d-defunt Borg flimkien mal-mara tieghu Barbara Borg ittrasferixxew il-fond bla numru ufficjali bl-isem 'Saint Philip' gewwa Triq il-Marmora, San Giljan lill-intimata b'titolu ta' donazzjoni permezz ta' att pubbliku tat-2 ta' Gunju tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani (Dok. D), liema donazzjoni taqbez is-sehem li d-donatur Philip Borg seta' jiddisponi minnu.

5. Illi l-esponenti ghandha dritt ghall-porzjoni rizervata spettanti lilha skont il-ligi.

6. Illi minkejja li l-intimata giet interpellata, anke permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 2782/17 (Dok. E), sabiex thallasha is-sehem riservat dovut lill-esponenti skont il-ligi, hija baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni li jirrizulta mehtiega:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici ghandha jedd ghall-porzjoni riservata spettanti lilha skont il-ligi;
2. Tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmi Philip Borg;
3. Tillikwida l-porzjoni riservata spettanti lill-attrici mill-assi ereditarji hekk likwidati;
4. Tikkundanna lill-konvenuta Teresa Borg thallas l-ammont hekk likwidat lill-attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi kontra l-intimat, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija irrita, nulla u inammissibbli stante illi il-Mandat ezebit mhuwiex wiehed skont kif tipprovdi il-ligi u ghalhekk ma ghandu l-ebda validita legali u l-attrici Carole Moyse trid tipprova b'Mandat redatt appositivament skont il-ligi, illi hija verament qeda tahtar lil Maria Barbara bhala l-prokuratrici taghha.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attrici trid tiddikjara x'tip ta' azzjoni qeda tesercita u cioe jekk hiex dik illi ghal riduzzjoni fid-donazzjoni tat-2 ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) kif tiddikjara hi, jew kawza ghall-likwidazzjoni tas-sehem riservat.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk, din hija kawza bazata fuq il-premessa illi d-donazzjoni imsemmija taqbez is-sehem illi seta jiddisponi minnu Philip Borg, allura l-azzjoni attrici hija wahda irrita, nulla u inammissibbli stante illi ma tezisti l-ebda talba ghal dikjazrazzjoni gudizzjarja illi tali sehem gie maqbuz fid-donazzjoni.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija intempestiva stante illi ma tistax l-attrici titlob is-sehem riservat bazat id-donazzjoni minnha imsemmija fil-premessi, jekk ma totjeniex qabel dikjarazzjoni gudizzjarja illi id-donazzjoni verament taqbez is-sehem illi d-donatur Philip Borg seta' jiddisponi minnu.

5. Illi. subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, id-donazzjoni imsemmija ma kinitx wahda purament wahda gradwita, imma invece kienet wahda oneruza, fis-sens, illi, tali donazzjoni sehhet bil-kundizzjoni illi l-esponenti konvenuta tibqa' tiehu hsieb il-genituri taghha, inkluz l-istess Philip Borg sa mewthom kif fil-fatt ghamlet u ipprestat servigi lill-istess Philip Borg sad-data tal-istess .

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li tul hajjitha l-attrici inghatat minn missierha somom ta' flus li jissuperaw is-sehem rizervat u l-attrici trid timputa u takkolla dawn ghall-eredita.

7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kieku kellu jigi likwidat l-assi ereditarju ta' Philip Borg, dan ser jirrizulta fin-negattiv, fis-sens illi, il-passiv tieghu bhala hlas ghas-servigi prestati u ghal spejjez ohra erogati mill-konvenuta fl-interess tal-istess Philip Borg jissuperaw il-valur tan-nofs indiviz tal-fond donat kif fuq imsemmi u allura se mai, l-esponenti mhiex debitrici imma kreditrici tal-istess attrici.

Fatti:
1. Illi, dwar il-fatti kif esposti, ghalkemm huwa minnu illi l-attrici Carole Moyse u l-esponenti huma l-ulied naturali tad-defunt Philip Borg, l-attrici qatt ma weriet l-ebda interess fl-istess missierha u kien biss wara diversi snin tirrisjedi l-Ingilterra illi fl-ahhar jiem ta' hajtu li l-istess attrici avvicinat lill-istess missierha.
2. Illi, dwar dak dikjarat fit-tieni u it-tielet paragrafu, l-esponenti tiddikjara illi taqbel mieghu.
3. Illi, ghar-rigward tal-paragrafi erba', hamsa u sitta l-aftrici ghandha hekk jidhrilha iggib il-provi skont il-ligi.

Rat li l-konventuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula minn wahda minn ulied il-mejjet Philip Borg li miet fl-1 ta' Jannar 2017 kontra ohtha l-konvenuta eredi ta' missierha biex tinghata s-sehem riservat dovut lilha mil-wirt tal-istess Philip Borg.

Philip Borg u t-tieni mara tieghu Barbara Borg ghamlu testment unica charta fis-7 ta' Frar 2007 fejn hallew lil konvenuta eredi universali taghhom. Barbara Borg mietet fit-22 ta' Marzu 2015.

Jidher ukoll u qed jinghad hekk ghax il-fatti saljenti ma kienux cari illi Philip Borg kien iddivorzja lill-ewwel mara tieghu, omm l-attrici, fil-5 ta' April 1978 (ara affidavit tal-attrici).

Bhala konsiderazzjoni legali li fuqha din il-kawza hi imsejsa l-attrici qed titlob li tinghata l-legittima jew is-sehem riservat kif qed tissejjah illum wara l-emendi fil-ligi li dahlu fis-sehh fl-2005 skont l-artikolu 615 et seq. tal-Kap. 16, liema sehem hu dritt

moghti mil-ligi fuq il-wirt tal-genituri. Dan is-sehem hu kreditu tal-legitimarju fuq il-wirt u t-talba issir kontra l-werriet. Biex wild jitlob il-legittima jrid jew ikun irrinunzja ghal wirt tal-genitur ghax ikun eredi bit-testment jew ope legis ab intestato jew bhal dan il-kaz fejn fit-testment tal-missier l-uniku eredi oht l-attrici cioe l-konvenuta. Il-kreditu dovut lil attrici hu percepibbli fuq il-gid tal-mejjet fil-mument tal-mewt tieghu, jew idealment jiddahhal fil-wirt jekk il-mejjet ikun f'hajtu iddispona b'liberalita minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Is-sehem riservat jinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb taz-zwieg) wara li jitnaqqsu d-djun u spejjez tal-funeral u dak il-gid kollezjonabbli li l-legitimarju jkun ha minghand it-testatur. L-attrici f'dan il-kaz billi hi wahda minn zewg ulied hi intitolata ghal sest tal-wirt (1/3 x 1/2) tal-mejjet missierha. Il-porzjoni riservata hi dovuta bl-imghax mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk il-kawza tkun saret anqas minn sentejn wara l-mewt tat-testatrici kif inhu dan il-kaz.

Applikati dawn il-prinicpji ghal fatti mil-atti ma jirrizultaw ebda assi mobbli oltre kont savings fil-BOV fl-ammont ta' €962.05 (fol. 207 tal-process). Jidher ukoll illi kellu kont iehor savings fil-BOV fl-ammont ta' USD35,254.85 li gie trasferit ghal MFSP Financial Management Limited fl-2014 pero ma hemm ebda prova ulterjuri x'sar minn dawn il-flus wara din id-data u ghalhekk ma hemmx il-prova li dawn l-assi kienu ghadhom jezistu fil-mument tal-mewt ta' Philip Borg, prova li tinkombi lil attrici. Ma jirrizultax li hemm anqas assi immobbli. Jirrizulta pero li Philip Borg kellu proprjeta immobiljari cioe Saint Philip, Triq il-Marmora, San Giljan. Ma jirrizultax meta inxtrat il-proprjeta pero mir-rapport tal-perit tal-Qorti Elena Borg Costanzi l-permess tal-bini tal-proprjeta inhareg fl-1993. Ghalkemm ma jirrizultax il-kuntratt ta' akkwist, hu verosimili jitqies li l-art li fuqha inbniet il-proprjeta inxtrat ftit qabel cioe fit-tieni zwieg. Billi ma hemmx prova li l-art kienet tifforma parti mil-assi parafernali ta' Philip Borg, prova li kienet tinkombi lil konvenuta ghandha tapplika l-prezunzjoni li l-proprjeta hi parti mil-komunjoni tal-akkwisti. Din il-proprjeta pero inghatat b'donazzjoni lil bintu l-konvenuta b'kuntratt tat-22 ta' Gunju 2000 atti Nutar Anthony Grech.

Il-konvenuta tishaq fuq l-argument illi l-proprjeta inghatat lilha b'donazzjoni oneruza ghas-servigi li irrendiet u baqghet trendi lil genituri taghha (fol. 230 et seq. tal-process). Pero fil-kuntratt ma jinghad xejn dwar ir-raguni tad-donazzjoni hlief li qed

tinghata bi gratitudni u n-Nutar Grech Trapani fix-xiehda tieghu isostni li d-donazzjoni inghatat bhala hlas ghas-servigi pero ma tnizzlitx.

Din il-kwistjoni li fil-fehma tal-Qorti hi wahda centrali trid tigi kunsidrata b'reqqa billi l-konvenuta qed tishaq li din id-donazzjoni ma ghandha b'ebda mod tidhol fil-komputazzjoni tal-assi tal-mejjet billi hu rigal oneruz, u ghalhekk jitqies bhala passiv mhux attiv tal-assi.

L-artikolu 1739 tal-Kapitolu 16 jipprovdi li jekk id-donazzjoni ssir bi hlas ta' xi xoghol li ghalih id-donatarju kellu jedd ta' azzjoni, ir-regoli dwar id-donazzjonijiet ma jezistux hlief meta l-valur tal-haga moghtija b'donazzjoni tkun izjed ghall-inqas bin-nofs mill-hlas li jkun haqqu dak ix-xoghol u dwar dan iz-zejjed biss. Fil-kawza **Lucia Bonnici vs Gio Maria Spiteri** (PA 13/01/1948) intqal li

> l-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk ghall-hlas tas-servizi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk ghas-servigi d-donanti ma kienx hlief sotto-post lejn id-donatarju ghal dover morali ta' rikonoxxenza. Fit-tieni kaz id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigward taghha kollha dispozizzjoni purament gratuwita; fl-ewwel kaz id-donazzjoni hija generalment, ta' natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggovernaw id-donazzjonijiet oneruz.

Bla dubju l-principju hu illi f'kaz ta' servigi ma hemmx il-prezunzjoni ta' gratuita. Il-konvenuta jsehhilha tipprova illi d-donazzjoni moghtija lilha kienet fil-fatt rimunerazzjonijiet oneruzi.

Il-konvenuta tixhed li hi minn dejjem kienet tiehu hsieb il-genituri taghha ghal hafna snin u fil-fatt kienet tghix maghhom fil-fond donat lilha. Tghid li hadet hsieb missierha anki fil-mard, ghalkemm mil-provi jirrizulta biss li l-mejjet kien ma jiflahx sew biss lejn l-ahhar ta' hajtu u ghal bqija kien indipendenti.

Fil-fehma tal-Qorti dak li jimmilita kontra r-rigal bhala wiehed oneruz u mhux principalment bhala wiehed gratuitu hu dak li johrog mix-xiehda tar-ragel tal-konvenuta stess Johann Saliba li jghid li l-mejjet kien iddona l-fond lil konvenuta ghax l-attrici kienet gia hadet sehemha fis-sens li kien qallu li kienet inghatat is-somma ta' Lm21,000 (ara fol. 314 u 315 tal-process). L-istess tghid omm Johann Saliba fix-xiehda taghha (fol. 321 tal-process).

Meta tqis din il-konfliggenza ta' prova u fejn hemm xhieda prodotta mill-konvenuta stess li jsostnu li r-raguni tad-donazzjoni saret sbatax-il sena qabel il-mewt ta' missier il-kontendenti, kienet biex il-missier ikun irregala lil konvenuta assi biex igibha ugwali ma ohtha li kienet inghatat xi flus minghandu ukoll, twassal lil Qorti tikkonkludi illi l-konvenuta ma resqitx prova konvincenti li d-donazzjoni ma kinitx gratwita izda rimeratorja bhala hlas ghas-servigi resi u li kellha trendi fil-futur.

Ghalkemm hemm l-allegazzjoni li attrici giet moghtija s-somma ta' Lm21,000 din ma tirrizulta minn imkien u l-konvenuta bil-gurament taghha tinsisti li missierha ta Lm200 fit-tieg taghha u xejn aktar.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-assi tal-mejjet Philip Borg ghal fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat ghandu jigi komputat kif gej:

1. nofs il-valur tal-fond donat cioe Saint Philip, Triq il-Marmosa, San Giljan billi s-sehem riservat li qed jintalab hu ta' Philip Borg biss u ma saritx prova li l-fond kien jifforma parti mil-assi parafernali tal-istess Philip Borg.

Il-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jkun kemm kien jiswa l-gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iz-zmien. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et** (App Civ 28/01/2005):

> "li, ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni"

Saret valutazzjoni tal-fond intier mil-perit tal-Qorti Elena Borg Costanzi fil-mument tal-ftuh tas-successjoni cioe fl-2017 li hu ta' €520,000 (fol. 243 tal-process). Kwindi l-valur ghal fini ta' komputazzjoni ta' assi biex tinhadem il-legittima hu ta' €260,000.

2. kont savings fil-BOV fl-ammont ta' €962.05.

3. €460 (Lm200) moghtija b'rigal tat-tieg lil attrici.

**Passiv**

1. Hemm il-kont tal-funeral ammontanti ghal €1,675 (fol. 319 tal-process).

**Bilanc**

Kwindi l-assi jammontaw ghal €261,422.05 li minnhom irid jitnaqqas il-kont tal-funeral li jgib bilanc ta' €259,747.05. Is-sehem riservat tal-attrici cioe ta' 1/6 (1/3 x 1/2) ta' dawn l-assi cioe €43,291.75. Billi l-attrici tixhed li hadet Lm200 jew €460 bhala rigal tat-tieg, dan irid jitnaqqas mil-ammont dovut li jgib bilanc ta' €42,831.17 liema somma hi s-sehem riservat dovut mil-konvenuta lil attrici bl-imghax mill-1 ta' Jannar 2017.

In kwantu ghall-eccezzjonijiet preliminari moghtija mil-konvenuta dawn huma kollha infondati billi l-kawza hi wahda cara ghas-sehem riservat u l-fatt li ma hemmx talba specifika li xi donazzjoni taqbez is-sehem riservat ma jwassalx ghan-nullita tal-azzjoni billi hi kompriza fit-tieni talba attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuta thallas lil attrici s-somma ta' €42,831.17 bhala s-sehem riservat dovut lilha mil-wirt ta' missierha Philip Borg, bl-imghax mill-1 ta' Jannar 2017, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur